**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 25 ta' Gunju 2018**

**Pulizija**

**Spettur Chantelle Casha**

**Spettur Shaun Pawney**

**Vs**

**Emanuel Abela**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Emanuel Abela ta' 49 sena, iben Lawrence u Emanuela xebba Demarco, imwieled Tarxien nhar it-22 ta' Jannar 1969 u residenti Block 4, Flat 6, Triq Hal Luqa, Tarxien u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 84769(M);

Talli f'Ottubru 2017 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer Maltin, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, u cioe':

1) B'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamlu uzu ta' imsijiet foloz, jew ta xi kwalifici foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi werqa xi haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh bil-hsara ta' haddiehor ghad-detriment ta' Carmelo Galea ID: 449534(m) minn Hal Tarxien u/jew xi persuni ohra;

2) U aktar fl-istess zmien u cirkustanzi talli bi hasra ta' haddiehor, ghamel xi qliegh iehor, b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel dan is-sub-titolu ghad-detriment ta' Carmelo Galea ID: 449534(m) minn Hal Tarxien u/jew xi persuni ohra;

3) U aktar talli fl-istess zmien u cirkustanzi kien fil-pussess ta' jew kellu taht il-kontroll tieghu xi oggett ghall-uzu fit-twettiq jew f'konnessjoni ma xi frodi;

4) U aktar talli appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuni ohra ohra, minn haga ta' haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunnsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jeweli jsir uzu minnha specifikat ghad-detriment ta' Carmelo Galea ID: 449534(m) minn Hal Tarxien u/jew xi persuni ohra;

5) U aktar talli fl-istess zmien u cirkustanzi wettaq reat fuq persuna anzjana jew adult dipendenti u cioe fuq il-persuna ta' Carmelo Galea ID: 449534(m) minn Hal tarxien u/jew xi persuni ohra liema hsara hija iktar minn mitejn u hamsin euro (€250) izda mhux izjed minn tlett elef euro (€3,000) ghad-detriment ta' l-istess Carmelo Galea minn hal Tarxien u/jew xi persuni ohra;

6) U aktar talli fl-istess zmien u cirkustanzi ikkommetta serq ta' deheb u/jew oggetti ohra ghad-detriment ta' Carmelo Galea ID: 449534(m) minn Hal Tarxien u/jew persuni ohra liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-persunau bil-lok;

7) U aktar talli laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan dar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentament b'kull mod iehor li jkun, indahal biex ibieghhom jew immexxihom;

8) U b'hekk irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

9) Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kas ta' sejbien ta htija tapplika l-Artikoli 23 u 23A tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

10) Il-Qorti tista', meta jidhrilha xierqaq, biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Carmelo Galea ID: 449534(m) u jew sabiex jinzamm il-bonordni pubbliku, flimkien mal piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti, dan ai terminu tal-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

11) Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, tordna lill-imsemmi persuna sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jewkk ikun il-kaz ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, fil-25 ta' Gunju 2018, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Istruttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, u l-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Rat ir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 257D(1)(b), 261(c)(d)(e), 267, 268(b), 269, 276A, 280(1)(3), 281(c), 293, 308, 309, 310(1)(a) u 310BA(1)(2)(a)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannah ghall-piena ta' tlitt (3) snin prigunerija.

Tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva sabiex l-imputat jaghmel programmresidenzjali ghar-rijabilitazzjoni mid-droga.

Tordna l-hrug ta' ordni ta' protezzjoni ghal tlitt snin favur Carmelo Galea ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**